ARBITRU

Dott. Deborah Schembri

Seduta ta' nhar it-Tnejn, 1 ta' Dicembru, 2025

Talba Nru: CCT4/25/DS

Ryan Debono

Vs

Kevin Cross

It-Tribunal

Ra l-avviż tar-rikorrenti pprezentat fl-1 ta' Jannar, 2025 fejn talab illi l-intimat jagħtih riżarċiment ta' mija wieħed u ħamsin Ewro (€151) rigwardanti *lift hangers* ta' gwardarobba allegatament difettużi;

Ra illi intimat debitament notifikat bl-avviż tat-talba u tas-smiegħ ma intavolatx risposta u għal din ir-raġuni ġie mcqjus kontumaċi minn dan it-Tribunal;

Ra illi l-attur preżenta l-pużizzjoni tiegħu;

Ra l-atti kollha tal-kawża.

Sema' x-xhieda prodotti, bil-ġurament.

Sema' t-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidra

Illi mill-provi jirriżulta illi l-attur kkonferma il-punti essenzjali tat-talba tiegħu, bl-informazzjoni illi niżżel fiha, taħt ġurament kif ukoll żied xi nformazzjoni addizzjonali permezz tax-xhieda tiegħu.

Illi l-fatti in suċċint huma s-segwenti: Illi l-attur xtara gwardarobba mingħand l-intimat u wara ċirka sena u nofs bagħat jgħidlu illi l-ħadid tal-lift hangers tal-gwardarobba '*tgħawwgu bil-weight tal-ħwejjeġ*' u biex jara għandux bħalhom. L-intimat qallu li ser jiċċekkja imma ma reggħax lura u wara li baqa' ma taħx risposta intavola din il-kawża.

Illi għalkemm l-attur ta x'xhieda tiegħu ma produċiex provi sal-grad illi tirrikjedi l-liġi li jikkonvinċu lil dan it-Tribunal li l-prodott kien wieħed difettuż. Primarjament lanqas ġiet prodotta prova viżibbli tad-difett x'kien. Ir-ritratt żgħir li kien prodott bħala parti mill-provi ma joħroġx ċar minnu f'hiex jikkonsisti d-difett, u b'mod sekondarju lanqas ma jirriżulta lil dan it-Tribunal illi l-problema ma kienetx waħda fejn il-ħwejjeġ illi tpoġġew fuq il-*hangers* ma kienux wisq tqal u konsekwentement ilwew il-*hangers*. Anka mill-mod kif ippostula l-messaġġ tiegħu l-attur meta kiteb lill-intimat iħalli dubbju dwar kemm ma kienetx kwistjoni ta' użu ħażin o meno.

Illi f'dan l-isfond dan it-Tribunal ma jsibx illi t-talba tal-attur hija ġustifikata fil-liġi mix-xhieda li ngħatat u mill-provi dokumentarji illi ġew prodotti fl-atti u għaldaqstnat m'hemmx bażi legali sabiex din it-talba tiġi akkolta.

Deċiżjoni

Għaldaqstant, għar-raġunijiet kollha hawn fuq imsemmija, wara li ra l-atti, ra l-Kap 378 tal-Liġijiet ta' Malta, u wara li qies iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, dan it-Tribunal jidhirlu illi r-rikorrenti ma provax il-każ tiegħu suffiċjentement u sal-grad rikjest mill-liġi u għalhekk skont il-mertu u l-ġustizzja sostantiva kif ukoll skont l-ekwita' iħoss illi t-talba tiegħu għandha tiġi miċħudha fl-intier tagħha.

Għall-dawn il-motivi, jaqta' u jiddeċiedi billi tiċħad it-talba tal-attur.

Bl-ispejjes kontra l-istess attur.

Deborah Schembri
B.A. (Leg. & Hum. St.) (Melit.),
P.G. Cert. (Parental Alienation)(IFT-Malta),
M.A. (Bioethics) (Melit.), LL.D. (Melit.),
Adv. Trib. Eccl. Melit.

Arbitru